# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


***Rapport Amministrattiv Annwali***

***Għas-Sena 2014***

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2014.

Matul l-2014, kien fit-tieni sena tas-7 Leġislatura tiegħu

Il-Kunsill preżenti li huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat-Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sinjura Elizabeth Ebejer u is-Sur Mario Sammut bħala Kunsilliera.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunita' u għaldaqstant, minbarra l'irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet u proġetti bl-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita'. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2014.

B' kollox, matul l-2014, issejjħu 15 -il seduta tal-Kunsill. Tajjeb li wieħed jinnota li il-Kunsill ta' l-Imġarr għandu waħda mill-ogħla rati ta' attendenza mill-membri tal-Kunsill minn fost il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex.

## Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita' hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha nies li jkunu ħadmu b' risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attivita' tal-2014, ġie introdott ukoll premju speċjali għall-kategorija taż-żgħażagħ. Din jidher li ntlaqat tajjeb ferm u fil-fatt tkompliet ukoll fl-avveniment tal-2015.

## Festa Frawli

Attivita' oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f' din l-attivita'u din is-sena applika b'suċċess għal-fondi tal-iskema għal inizjattivi

L-attivita' saret tiġbed numru impressjonanti ta' nies minn kull settur tas-soċjeta' fosthom diversi personaġġi distinti, politiċi u din is-sena anke' il-preżenza tal-

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Ambaxxatriċi tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-Malta, is-Sinjura Gina Abercrombie Winstanley.

**Korsijiet**

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' crafts, dekorazzjonijiet tal-kejkiet u pasti, korsijiet tal-fotografija, kif ukoll diversi taħdiet edukattivi fil-bini tal-Kunsill.

Bħalissa qed isiru wkoll sensiela ta' taħditiet dwar suġġetti b' laqta' Mġarrija biex il-wirt tal-lokal jiġi ppreservat.

Saru wkoll diskussjonijiet edukattivi marbuta ma' wirjiet li saru fil-Kunsill, fosthom eżibizjoni u laqgħa dwar il-preistorja fil-gżejjer Maltin.

**Restawr**

Tkompla il-proġett tar-resawr tas-sit tal-Għasfura fejn il-Kunsill, flimkien mal-Universita' ta' Malta u l-HSBC (Malta) Foundation, qed jirriġenera sit taż-żmien l-Ingliżi. Fl-aħħar ftit xhur tal-2014, dan il-proġett issaħħaħ u kien reġistrat progress b' numru ta' interventi.

Matul l-2014 tlestew restawr ieħor, ewlieni fosthom fuq in-niċċa tal-Madonna ta' Binġemma. Għal dan ir-restawr, il-Kunsill kien applika b' suċċess għal-skemi ta' finanzjamenti mill-Gvern Ċentrali.

**Toroq**

It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali.

Proġett ieħor li sewa' ħafna ħin u xogħol kien dak tar-resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Il-kunsill kien applika għall-din l-iskema matul is-sena2010 imma minħabba diversi nuqqasijiet tal-kuntrattur dan ix-xogħol qatt ma twettaq. Saru numru ta' laqgħat u diskussjonijiet mal-entitajiet u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fl-aħħar il-Kunsill ħareġ sejħa oħra. Minħabba il-prezz eżorbitanti tal-istimi il-Kunsill ma setax jagħmel it-toroq kollha li xtaq imma lejn tmiem l-2013 u l-bidu tal-2014 saru tlett toroq : l-Amarozz, l-Aruna u il-Karamelli. Ban il-proġett qed jiswa lill-Kunsill kważi kwart ta' miljun Ewro u qed ikollu impatt serju fuq il-finanzi tal-Kunsill matul dawn is-snin.

**Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat**

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt. Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' Heritage Malta biex jiġi esplorati metodi u proċeduri li jkomplu jtejbu dan is-servizz.

**Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani**

Is-Servizz tad-Day Care Centre ospitat fil-bini tal-Kunsill kompla jissaħħaħ billi issa qed jinfetaħ ukoll nhar tat-Tlieta kif ukoll nhar ta' Ġimgħa.
L-anzjani ikollhom diversi avveniment biex jiġu assikurati minn anżjanita' ħolistika u attiva, fosthom diskussjonijiet, tagħlim, ħruġ edukattiv, parteċipazzjoni fi' sport, crafts, festini u aktar.
Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza. Hafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

**Esibizzjonijiet Kulturali**

Matul l-2014 komplew isiru diversi eżibizzjonijiet kulturali fil-bini tal-Kunsill. Numru ta' eżibizzjonijiet kien mtella' b' relazzjoni mat-Tempra Contemporary Art Museum ospitat fil-bini tal-Kunsill. Pitturi minn madwar id-dinja ikollhom l-opportunita' li jeżibixxu l-arti tagħhom fl-ispazji ta' dan il-bini, permezz tal-ħidma ta' Dame Francoise Tempra.

Ġiet ospitata wkoll l-edizzjoni tal-2014 tat-Tempra Art Biennale fis-swali tal-Kunsill, kif ukoll eżibizjonijiet monotematiċi dwar Guy Lemerle u Manuel Quintanilla.

**Kuntatt mar-Residenti**

Il-Kunsill iżomm kuntatt dirett mar-residenti permezz ta' diversi leaflets informattivi fir-residenti. Wieħed jista jgħid faċilment (u kien hemm minn ġieli irramarka) li il-Kunsill tal-Imġarr huwa wieħed mill-aktar Kunsill li jibgħat informazzjoni fid-djar. Hafna drabi, din l-informazzjoni issir 'in house' mill-membri tal-istaff, u ta' dan nirringrazzjawhom.

Barra minn hekk, il-Kunsill iżomm kuntatt ukoll permezz tal-paġna ta' facebook. Din il-paġna isservi ta' notice board għall-dak kollu li jkun qiegħed iwettaq il-Kunsill kif ukoll sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jikkuntaattjaw lill-Kunsill. Attwalment hemm aktar minn 800 persuna jsegwu din il-paġna - b' 300 minnhom jiżdiedu matul l-2014.

Barra minn hekk sar investiment ukoll fis-sistemi tal-Kompjuter tal-Kunsill kemm fejn jidħol ħardware kif ukoll software u programmi li jżzidu l-effiċjenza. Inxtara wkoll file

server biex fih tinżamm l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-operat tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

**Youth Exchanges**
Matul l-2014 il-Kunsill ipparteċipa f' numru ta' Youth Exchanges u Training Courses, f' diversi pajjiżi tal-Ewropa, fosthom Franza, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Armenja. skambju ieħor sar f' Malta. Ipparteċipaw numru mdaqqas ta' żgħażagħ u mexxejja. Permezz ta' dawn l-iskambji, iż-żgħażagħ jitħalltu ma' nies oħra t' amparhom minn artijiet u kulturi differenti u dan jgħinhom jinfetħu għall-aktar ideat u innovvazzjonijiet, barra minn ħbiberiji ġodda.

**Kooperazzjoni ma' Lokalitajiet Barrannin**
Matul l-2014, il-Kunsill ħaseb li jistabillixxi u jesplora metodi ta' kooperazzjoni ma' lokalitajiet differenti barra minn xtutna. Sar kuntatt b' saħtu mal-lokalita' Taljana ta' Lagosanto, fir-reġġjun tal-Emilia Romagna. Din il-lokalita' hija magħrufa għat-tkabbir tal-frawli kif ukoll għall-avveniment annwali li togranizza, is-Sagra della Fragola.

F' dawn l-aħħar xhur kien hemm żjajjar ta' korteżija fiż-żewġ lokalitajiet li matul ġie esplorat ukoll mezzi ta' kif tista' tissaħħaħ il-koperazzjoni ta' bejn iż-żewġ kunsilli.

**Konkos f' mogħdijiet tal-għelieqi**
Matul l-2013 u l-2014, u wara li l-Kunsill irnexxilu jattira fondi mill-Majjistral Action Group, ingħata il-konkos lill-numru ta' mogħdijiet u passaġġi fl-għelieqi biex jagħtu aċċess aħjar lill-bdiewa u l-inġenji tagħhom.

**Beach Cleanups**
Matul is-sajf saru numru ta' Beach Cleanups fil-bajjiet tal-Imġarr. Dawn saru fuq bażi volontarja minn għaqdiet ta' studenti u ħaddiema. Il-Kunsill ħa ħsieb jipprovdi koordinament u l-iskips biex tneħħa l-imbarazz kollhu li tneħħa.

**Manutenzjoni tal-Bandli**
Wara li fl-2013 sar diversi xogħol ta' manutenzjoni u immodernizzar tal-bandli fi' Triq l-Alwiża u fi' Ġnien Skorba, il-Kunsill ħadem sabiex jinbeda il-proġett tal-immodernizzar tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew. Fil-fatt, il-Kunsill irnexxillu japplika b' suċċess għall-fondi tal-Urban Improvement Funds (UIF) imħaddem mill-MEPA sabiex jiffinanzja sostanzjalment dan il-proġett. Ix-xogħol fuq dan il-proġett inbeda u hu ttamat li jinfetaħ għall-pubbliku fl-ewwel nofs tal-2015. Hu ppjanat li jintefqu madwar 130,000 Ewro fuq dan il-proġett. Fil-fatt, matul l-2014, il-Kunsill ħareġ 5 sejħiet għall-offerti speċifikament fuq dan il-proġett.

**Harġiet Kulturali**
Il-Kunsill, fil-ħidma tiegħu biex ikompli jippresserva l-identita' kulturali, ħaseb biex jiġu orġannizati ħarġiet ta' natural edukattiva u kulturali. Waħda mill-aktar importanti kienet żjara fil-banjiet Rumani li jinsabu fil-lokalita'. Attendew għaliha numru sabiħ ta' tfal.

Żjara Studenti
Attivita' oħra interessanti għat-tfal kienet iż-żjara tal-istudenti tal-iskejjel ta' San Anton u San Andrea fl-uffiċċju amministrativ. Din iż-żjara kienet parti mill-programm edukattiv tal-istudenti dwar il-ħajja soċjali f' Malta. L-istudenti iltaqgħu mal-istaff filwaqt li d-Deputat Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv spjegawlhom dwar ir-rwol u r-responsabbilitajiet tal-Kunsill u d-diferenzi bejn l-elettiv u l-amministrattiv.

Life Migrate
Matul ix-xhur tas-sajf, il-Kunsill, bi' sħab mal-MEPA, ħa sehem f' avveniment għat-tfal li attendew fl-iskola tas-sajf fl-Imġarr. Dan sar fil-bajja tal-Ġnejna u fih, l-istudenti ingħataw informazzjoni dwar il-Loggerhead Tortoise u il-Bottlenose Dolphin. Dan l-avvenimment kien part mill-proġett tal-EU Life + Migrate li jippromwovi il-ħarsien tal-ambjent, speċjalment dak marrittimu.

Xogħlijiet fil-Ġnejna
Matul l-2014 saru diversi interventi fil-Ġnejna.

Bis-sehem tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, twaqqgħet blata kbira li kienet ta' periklu kbir in-naħa tal-garaxxijiet.

Sar ukoll xogħol fuq il-moll billi ingħata konkos u tqegħdu blokki tal-concrete.

**Sports**
Il-Kunsill kompla jagħti is-sapport tiegħu lill-għaqdiet sportivi tal-lokalita'. Fl-istess ħin ukoll il-Kunsill ospita għadd ta' tlielaq sportivi, fosthom tlielaq tal-karozzi fit-telgħa tal-Ġnejna, tlielaq tar-roti, parti mill-kampjonat nazzjonali tat-Off Road Triathlon kif ukoll, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kampjonat Nazzjonali tal-Mountain Running, bil-premjazzjoni tar-rebbieħa issir fil-bini tal-Kunsill.

**Servizzi offruti fil-Kunsill**
Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta’ persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta’ servizzi li llum indraw bħal ġbir ta’ skart goff u ġbir ta’ skart riċiklat qed ikun ta’ utilita’ kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta’ skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex

jintrema' l-iskart. Għal-dan il-għan, il-Kunsill beda' jqassam kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart fil-btajjel pubbliċi għas-sena li tkun għada kemm bdiet, biex il-familji ikunu jistgħu jippjanaw bil-quddiem.

**Haddiema Klerikali**

Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

**Tenders**

Matul is-sena il-Kunsill ħareġ lista mdaqqsa ta' sejħiet ta' offerti (aktar magħrufa bħala tenders) kif ukoll numru ta' kwotazzjonijiet. Dan biex jassigura effiċjenza, servizz aħjar u mmanniġjar aħjar tar-risorsi tiegħu. Wieħed jittama li dawn il-kuntratti ġodda ikun aktar effiċjenti għall-ġid tal-lokalita' in ġenerali.

***Handymen* tal-Kunsill**

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ handymen. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f' kundizzjoni tajba permezz ta' patching u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa. Humajarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organiżżata xi attivita bħal Ġieħ Mġarr u Festa Frawli.

**Konklużjoni**

Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal.



Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku*** *: Paul Vella* ***Viċi Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv*** *: Cyprian Dalli*

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***



***Sindku*** *: Paul Vella* ***Viċi Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv*** *: Cyprian Dalli*